# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 11**

**Rikors numru 1031/23/1 DC**

**Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana**

**v.**

**Martin Hans Ellis**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell tal-konvenut minn provvediment tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla fejn l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana u bis-saħħa tad-**Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet Relatati ma' Taxxi, Dazji u miżuri oħra** tas-16 ta' Marzu, 2010 kif trasposta fil-*corpus iuris* Malti permezz tal-**Liġi Sussidjarja 460.08** imsejħa **l-*Ordni dwar l-***

***Assistenza Reċiproka għall-irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma Taxxi, Dazji u Miżuri oħra*** (**Avviż Legali numru 153 tas-sena 2012)** ordnat r-reġistrazzjoni tal-***Istrumenti Uniformi Li Jippermettu l-Infurzar*** emessi mill-awtoritajiet Daniżi sabiex tali dokumenti jitqiesu bħala titlu eżekuttiv f'Malta.

**Daħla**

1. Il-**Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana (l-Appellat)** b'rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru, 2023 ippremetta u talab is-segwenti:

> "Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra tas-16 ta' Marzu 2010, tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta' Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor, u miżuri oħra;
>
> Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru. 153 tas-sena 2012 liema Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar 2012 u jippermetti lil Ministru responsabbli għall-Finanzi u x-Xogħol, bħala l-awtorità kompetenti, sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra fejn id-debitur jinsab ġewwa Malta;
>
> Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorità kompetenti Daniża, ossija l-awtorita` applikanti, għamlet talba għall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi u x-Xogħol sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorita` applikanti;
>
> Illi l-intimat għandu taxxa dovuta lill-awtorita` applikanti Daniża fl-ammont ta' miljun, sitt mija, tnejn u għoxrin elf, ħames mija, erbgħa u tmenin u sitta u disgħin Krona Daniża (DKK 1,622,584.96) li huma ekwivalenti għal mitejn u sbattax-il-elf, tmien mija u wieħed u tmenin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€217,881.45), kif jidher mill-Istrumenti Uniformi li jippermettu Infurzar hawn annessi u immarkati

bħala Dok. 'A', Dok. 'B', Dok. 'Ċ', Dok. 'D' u Dok. 'E', oltre interessi skont il-liġi;

Illi l-intimat huwa indikat li jinsab ġewwa Malta u għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviż Legali;

Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' irkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;

Illi, madanakollu, l-intimat għandu dritt għal traduzzjoni tal-istess dokumenti annessi f'waħda mill-lingwi uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u immarkat bħala Dok. 'F' sabiex l-intimat ikun speċifikament infurmat illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika ta' l-imsemmija dokumenti annessi.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikolu 9 (6) u (7) tal-imsemmi Avviż legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', Dok. 'B', Dok. 'C', Dok. 'D', Dok. 'E' u Dok. 'F', jiġu notifikati lill-intimat skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', Dok. 'B', Dok. 'C', Dok. 'D' u Dok. 'E' bħala kopja uffiċċjali tagħha, sabiex tali dokumenti jikkostitwixxu titolu eżekuttiv."

2. Fis-7 ta' Novembru, 2023 il-konvenut Martin Hans Ellis (l-Appellant) ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

"1. Qabel xejn jeħtieġ li l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jipproduċi prova li għandu l-awtorità sabiex jipproċedi skont il-proċedura de quo.

2. Fit-tieni lok, il-proċedura odjerna jilledi d-drittijiet tal-Konvenut għal smigħ xieraq peress li ma ingħatat l-ebda spjegazzjoni dwar il-pretenzjonijiet tat-taxxa mresqa fil-proċeduri odjerni u għaldaqstant mhuwiex possibbli għall-Konvenut li jirregola l-pożizzjoni tiegħu u d-difiża tiegħu minħabba n-nuqqas ta' spjegazzjoni tal-imsemmija pretensjonijiet magħmula mill-Awtoritajiet tat-Taxxa Daniżi.

3. Fit-tielet lok l-awtorità Rikorrenti għandu jġib evidenza ta' l-instrumenti li jippermettu tali l-infurzar fid-Danimarka u li dawn kienu notifikati b'mod xieraq lill-Konvenut.

4. Fir-raba' lok il-Konvenut jiddikjara li huwa qed jikkontesta t-talbiet imqajma fir-rikors u n-notifika (jew fin-nuqqas tagħhom) tal-istess talbiet u jirriserva d-dritt tiegħu li jagħmel talbiet u sottomissjonijiet ulterjuri fil-liġi u fil-fatt hekk kif jingħata d-dokumenti rilevanti relatati ma' l-imsemmija talbiet.

5. Fil-ħames lok, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

6. Il-Konvenut jinnota li permezz ta' dan ir-rikors l-awtorità Rikorrenti qed tipprova tinforza diversi strumenti uniformi, liema strumenti huma kollha distinti u indipendenti minn xulxin u għalhekk kull strument għandu jitqiesu bħala azzjoni differenti mill-oħrajn.

7. Illi bla preġudizzju għal premess fir-rigward tal- 'Uniform Instrument' esebit bħala Dok. A, li jirrigwarda talba datata 31/12/2008 u allegatament dovuta fl-2010 għal ammont sinifikanti. Din it-talba qed tiġi miċħuda għar-raġunijiet li ġejjin:

a) It-talba hija preskritta skont il-liġi.

b) L-awtorità Rikorrenti għandha turi u tipprova li ħadet passi pożittivi u konkreti sabiex tinnotifika lill-Konvenut bit-talba msemmija.

c) L-infurzar għandu wkoll jiġi rrifjutat a bażi tal-fatt li għaddew aktar minn 10 snin, hekk kif imsemmi fil-proviso finali tal- Artikolu 18(2) tad-Direttiva Tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra. Jigi rilevat li r-raġuni għaliex din id-Direttiva tagħmel tali limitazzjoni għall-eżekuzzjoni tat-talbiet hija propju għall-protezzjoni tad-dritt fundamentali tal-Konvenut għal smiegħ xieraq peress li d-dewmien fit-teħid ta' azzjoni jippreġudika d-dritt tal-Konvenut li jġib l-evidenza rilevanti sabiex jikkontesta t-talba. F'dan ir-rigward ta' min jinnota wkoll li l-possibbiltà li titressaq talba aktar minn 10 snin wara li kienet allegatament dovuta tikser l-Artikoli 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

d) Lanqas ma hemm prova wahda li kien sar xi tentattiv mill-Awtoritajiet sabiex jenforzaw il-pretenzjoni taghhom fi Danimarka.

8. Illi bla pregudizzju għal premess l-istrumenti uniformi l-oħra esebiti bħala Dok. B 'il quddiem filwaqt li huma dwar talbiet naxxenti wara l-2019 iżda li kollha kemm huma, jikkonċernaw somom insinifikanti taħt it-tletin (30) euro kull wahda u dawn it-talbiet jimponu spejjeż sinifikanti fuq il-konvenut bla bżonn. Ghaldaqstant, hekk kif espress f'Artikolu 18(3) tad-Direttiva, l-assistenza għandha tiġi miċħuda peress li l-ammont totali ta' dawn l-istrumenti hija ferm inqas minn 1,500 Euro.

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

3. B'sentenza tad-9 ta' Mejju, 2024 l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif isegwi:

> "tilqa' t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi u tordna r-reġistrazzjoni tal-Istrumenti Uniformi Li Jippermettu l-Infurzar annessi mar-rikors promotur skont l-artikolu 9(6) u (7) ta'l-Avviż Legali 153 tas-sena 2012, sabiex tali dokumenti jitqiesu bħala titlu esekuttiv f'Malta [It-talba għan-notifika tad-dokumenti ġia ġiet milqugħa bid-degriet mgħoti fit-12 ta' Settembru 2023 u fil-fatt l-intimat ġie notifikat bid-dokumenti f'l-20 ta' Ottubru 2023.]."

4. Il-konvenut ħassu aggravat minn din is-sentenza u b'rikors tal-4 ta' Ġunju 2024 intavola l-appell odjern.

**Sfond**

5. Fis-16 ta' Mejju 2023 l-awtoritajiet Daniżi bagħtu lill-awtoritajiet Maltin talba sabiex dawn ta' l-aħħar jgħinu lil ta' l-ewwel jiġbru taxxa dovuta mill-konvenut appellant ġewwa d-Danimarka. **Din it-talba saret *ai termini* tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri oħra Skont l-Istrument Uniformi li Jippermetti l-Infurzar.**

6. Il-konvenut appellant jirrisjedi f'Malta fl-indirizz provdut.

7. Din it-talba għall-assistenza ġiet ipproċessata u fit-12 ta' Settembru 2023 l-Kummissarju tat-Taxxi ppreżenta rikors fejn talab li d-dokumenti

relattivi jiġu notifikati lill-konvenut. Talab ukoll ir-reġistrazzjoni tal-istess dokumenti.

8. Dan ir-rikors ġie intavolat bis-saħħa tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08 li implimentat fil-liġijiet Maltin id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra, intiża sabiex tiffaċilità il-ġbir tat-taxxi dovuti lill-Istati Membri individwalment minn persuni li jkunu jirrisjedu fi Stat Membru Ewropew ieħor.

9. B'digriet tal-20 ta' Settembru, 2023 l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba, ordnat in-notifika tar-rikors u tad-dokumenti annessi u ċjoè l-Istrumenti Uniformi għall-Inforzar riċevuti mingħand l-awtorità fiskali Daniża lill-konvenut filwaqt li appuntat ir-rikors għas-smigħ dwar it-tieni talba. Kopja tar-rikors u tad-dokumenti kollha annessi miegħu ġew notifikati lill-konvenut fl-20 ta' Ottubru, 2023.[1]

10. Bis-saħħa tad-deċiżjoni fuq imsemmija l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-Kummissarju u ordnat ir-reġistrazzjoni tal-Istrumenti Uniformi li Jippermettu l-Infurzar annessi mar-rikors.

[1] A fol 35 tal-proċess.

11. Il-konvenut ħassu aggravat b'dik l-ordni u fl-4 ta' Ġunju 2024 intavola l-appell odjern li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talab lil din il-Qorti "tiċħad is-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u konsegwentement tilqa' dan l-appell mill-appellant". Il-Kummissarju attur, ressaq r-risposta tiegħu fl-4 ta' Lulju 2024 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponi għal dan l-appell.

12. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-**Artikolu 152(5) tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-Appell**

13. L-aggravji tal-konvenut appellant huma li (a) hemm nuqqas ta' spjegazzjoni u dettalji dwar it-taxxa allegatament dovuta, (b) hemm nuqqas ta' prova li huwa ġie notifikat fid-Danimarka, u (ċ) l-proċeduri jilledu d-drittijiet tal-konvenut appellant għal smigħ xieraq.

14. L-appellat Kummissarju jilqa' għal dan l-appell billi filwaqt li jikkontesta kull aggravju mressaq, ressaq l-eċċezzjoni li r-rikors tal-appell huwa irritwali *stante* li m'hemm ebda lok ta' appell mid-deċiżjoni li ngħatat mill-Prim'Awla fid-9 ta' Mejju 2024 peress li d-deċiżjoni tikkonsisti f'ordni

għar-reġistrazzjoni tal-Istrumenti Uniformi li jippermettu l-infurzar. Jgħid illi jekk il-konvenut ħassu aggravat bir-rikors promotur huwa kellu qabel xejn jsegwi l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament 12 tal-L.S. 460.08

15. Il-Qorti ser tibda billi l-ewwel u qabel kollox titratta l-eċċezzjoni mressqa mill-Kummissarju li l-appell intavolat minn Ellis huwa irritwali għaliex jekk tirriżulta fondata ma jkunx meħtieġ li jiġu kkunsidrati aktar l-aggravji tal-appellant.

16. In-natura tad-deċiżjoni tad-9 ta' Mejju, 2024 tal-Ewwel Qorti tiddetermina jekk tali deċiżjoni hix appellabbli. In-natura ta' provvediment ġudizzjali trid tiġi deżunta mhux tant mill-forma li fih ingħatat jew mill-kwalifika lilu attribwita mill-ġudikant li emettieh iżda mill-kontenut effettiv tiegħu. Provvediment hu attribwit il-valur sostanzjali ta' sentenza meta l-ġudikant ikun eżamina u rriżolva b'mod irrevokabbli u immodifikabbli l-kwistjoni dibattuta mill-partijiet quddiemu. Minn dan jikkonsegwi illi meta pronunzjament kien intiż li jkollu kontenut deċiżorju, u mhux wieħed merament ordinatarju bi skop ta' xi trattazzjoni ulterjuri tal-kwistjoni, tali kellu jassumi l-karattru ta' sentenza u tal-karattru effikaċi ta' *res judicata* (**Joseph Borg v. Eucharistico Saliba** - Appell Inferjuri - 9 ta' Lulju, 2008).

17. Kif inżamm mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Maria vedova di Paolo Pace Axiaq v. Vincenzo Caruana** mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 1920: "... e' notorio che la distinzione tra sentenza definitiva e decreto interlocutorio non e' semplice questione di parole, dacche importa bene distinguere i vari ordini di pronunciamenti giudiziari, non solo in relazione all'appello o agli altri mezzi di impugnazione, ma anche per se stessi siccome il loro contenuto misura l'esercizio della gurisdizione e determina la loro efficacia e forza in futuri giudizi nell'identico soggetto riguardo all'ammissibilita' o meno della eccezione di cosa giudicata. Poiche' mentre la sentenza definitiva fa cessare la giurisdizione del tribunale che l'avesse pronunziata, i decreti interlocutori per legge espressa non formano giudicato per la Corte che li avesse pronunziati, quando li si dimostrasse una giusta causa per dipartirsene". Fuq l-istess binarju s-sentenza **Luigi Gerolamo Bonnici noe. v. Onor. Joseph Huber noe** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru, 1931: "il proprio e vero carattere distintivo della sentenza definitiva e' quello per cui viene definita una quistione riguardante l'azione, il merito e la procedura, talmente che nessuna altra sentenza sulla quistione definita possa essere profferita dallo stesso tribunale dopo che si fosse pronunziatao su tale questione."[2] Mod ieħor jista' jingħad illi deċiżżjoni ġudizzjarja hija sentenza definitiva meta ġġib fi tmiemu u tittermina *negotium de quo agitur* u hija provvediment revokabbli *contrario imperio* meta "non terminat negotium

[2] Ara wkoll Parroco

principale et aliam post se expectat sententiam." (**Parroco Don Alfonso Tabone v. Chierico Salvatore Borg Olivier** - Qorti tal-Appell – 29 ta' April, 1925; **Frank Sammut et. noe. v. Michael Fenech et.** - Qorti tal-Kummerċ - 25 ta' Marzu, 1991).

18. Huwa prinċipju ġenerali tad-dritt proċedurali Malti li d-dritt għall-appell huwa wieħed mingħajr restrizzjonijiet. Inżamm illi skont il-Kodiċi ritwali tagħna l-appell huwa mezz ta' impunjattiva tas-sentenza fuq il-presuppost li dik is-sentenza hi r-riżultat ta' apprezzament inġust jew żbaljat tal-provi jew tal-prinċipju tad-dritt għall-fatti. (**Gordon Mizzi v. Consolidated Holdings Ltd** – Appell Inferjuri - 8 ta' Ġunju, 2006).

19. Fejn il-liġi tipprovdi għall-każ fejn ma jistax isir appell, dan tgħidu espressament. Bħala eżempju, insibu illi ma hemmx jedd ta' appell mis-sentenzi mogħtija fuq ammissjoni tat-talba jew minn sentenzi li l-parti taċċetta bir-rinunzja għall-appell jew billi toqgħod għal dak li tkun qatgħat is-sentenza. Hekk ukoll m'hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala qorti tal-ewwel grad fil-kompetenza tagħha inferjuri, meta l-valur tal-pretensjoni, stabbilit jew li jista' jiġi stabbilit skont l-Artikoli 748 u 761, ma jkunx jiskorri erba' mija u ħamsa u sittin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87), u l-kwistjoni fil-kawża ma tkunx dwar punt ta' liġi maqtugħ fis-sentenza

jew f’deċiżjoni dwar talba għall-iżgumbrament ta’ xi ħadd minn proprjetà immobbli. (**Art. 228, Kap. 12**).

20. Għalhekk minn sentenza hemm dejjem jedd ta’ appell sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor.

21. Mhux l-istess minn digriet jew provvediment. Id-digrieti interlokutorji ma jagħmlux ġudikat għall-qorti li tkun tathom, meta tinġieb raġuni sewwa, fil-fehma tal-qorti, biex titbiegħed minnhom (**Art. 230, Kap. 12**).

22. *In linea* mal-ġurisprudenza aktar qabel ċitata, għalkemm meta l-Ewwel Qorti emettiet il-provvediment appellat waqt seduta minnha miżmuma fid-9 ta’ Mejju 2024 ivverbalizzat li kienet “Ingħatat sentenza”; dik ix-xorta ta’ dikjarazzjoni f’verbal ma hix determinanti dwar jekk id-deċiżjoni hix sentenza jew le.

23. Fid-deliberazzjoni dwar il-karattru tad-deċiżjoni appellata, opportun li qabel xejn naraw il-provvedimenti rilevanti sew fid-Direttiva kif ukoll fil-liġi sussidjarja.

24. Id**-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta’ Talbiet Relatati ma’ Taxxi, Dazji u miżuri**

**oħra** tas-16 ta' Marzu, 2010 tipprovdi, kif isimha stess jenunzja, għall-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri għall-irkupru tat-talbiet ta' xulxin u dawk tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti taxxi u miżuri oħrajn bil-għan li tikkontribwixxi għat-tħaddim xieraq tas-suq intern.

25. Id-Direttiva mgħandhix taffettwa l-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tad-determinazzjoni tal-miżuri ta' rkupru disponibbli skont il-leġislazzjoni interna tagħhom.[3]

26. L-assistenza reċiproka tista' tikkonsisti f'dan li ġej: (i) l-awtorità rikjesta tista' tforni lill-awtorità applikanti l-informazzjoni li din tal-aħħar teħtieġ biex tirkupra t-talbiet li jirriżultaw fl-Istat Membru applikanti; (ii) tinnotifika lid-debitur bid-dokumenti kollha marbutin ma' dawn it-talbiet li ġejjin mill-Istat Membru applikanti: (iii) l-awtorità rikjesta tista' wkoll tirkupra, fuq it-talba tal-awtorità applikanti, it-talbiet li jirriżultaw fl-Istat Membru applikanti, jew (iv) tieħu miżuri ta' prekawzjoni biex jiġi ggarantit l-irkupru ta' dawn it-talbiet.[4]

27. Fil-passat problemi ta' rikonoxximent u ta' traduzzjoni ta' strumenti ġejjin minn Stat Membru ieħor irrendew is-sistema ta' assistenza reċiproka ineffiċjenti. Għalhekk, bl-adozzjoni ta' Strument Uniformi din id-Direttiva timmira sabiex tegħleb il-problemi ta' ineffiċjenza riskontrati fil-

[3] Para 1 u Para 6 tal-Preambolu tad-Direttiva 2010/24/UE
[4] Para 7, *ibid*

passat fejn jirrigwarda il-ġbir ta' dejn fiskali dovuti lil Stat Membru fuq assi li jinsabu fi Stat Membru ieħor.

28. Matul il-proċedura tal-irkupru fl-Istat Membru rikjest, it-talba, in-notifika li l-awtoritajiet tal-Istat Membru applikanti jagħmlu jew l-istrument li jawtorizza l-infurzar tagħha jistgħu jiġu kkontestati mill-persuna kkonċernata.

29. **<u>Il-persuna kkonċernata għandha tressaq l-azzjoni ta' kontestazzjoni quddiem il-korp kompetenti tal-Istat Membru applikanti u mhux quddiem il-korp kompetenti tal-Istat Membru rikjest.</u>** F'tali eventwalità l-awtorità rikjesta għandha tissospendi kwalunkwe proċedura ta' infurzar li hi tkun bdiet sakemm tittieħed deċiżjoni mill-korp kompetenti tal-Istat Membru applikanti. Iżda ma hemmx obbligu għas-sospensjoni tal-proċeduri minħabba kontestazzjoni fl-eventwalità li l-Istat Membru applikant <u>speċifikatament</u> jitlob lill-Istat Membru rikjest sabiex ma jissospendiex il-proċeduri ta' rkupru u sabiex jipproċedi wkoll fuq l-ammont kontestat. **F'dawk iċ-ċirkostanzi l-awtorità applikanti għandha tiġġustifika t-talba tagħha.**

30. It-traspożizzjoni fil-liġi domestika tad-Direttiva Ewropea 2010/24EU seħħet bis-saħħa ta' **Avviż Legali numru 153 tas-sena 2012** li permezz tiegħu ġiet promulgata il-**Liġi Sussidjarja 460.08** imsejħa **l-*Ordni dwar***

***l-Assistenza Reċiproka għall-irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma Taxxi, Dazji u Miżuri oħra*** liema ordni għandu jitqies li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2012.[5] L-għan ta' dan l-Ordni hu li jimplimenta d-Direttiva 2010/24/UE .

31. Direttiva tal-Unjoni Ewropea hija waħda minn diversi għamliet ta' atti legali li l-Unjoni Ewropea tista' tadotta. Id-Direttivi Ewropej jinħarġu bis-saħħa tal-**Artikolu 288** tat-**Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat tal-UE)**[6] u jagħmlu parti mil-liġi sekondarja tal-Unjoni. Ladarba adottati fuq livell ewropew, sta għall-Istati Membri li jaraw li jiddaħlu fil-liġijiet nazzjonali rispettivi sabiex isiru parti mil-liġi nazzjonali. Għalhekk huwa fil-ġurisdizzjoni rispettiva ta' kull Stat Membru individwali li direttiva tiżviluppa f'liġi nazzjonali u b'hekk jiġi determinat f'kull Stat Membru il-mod kif dik id-direttiva ser tiġi trasposta, applikata u implimentata. Għalkemm direttiva ewropea hija vinkolanti dwar ir-riżultat li tikseb f'dawk l-Istati Membri għal min hija indirizzata; tħalli fis-setgħa ta' l-awtoritajiet nazzjonali li jagħżlu l-forma u l-metodu kif jiksbu dak ir-riżultat. Il-kriterju għalhekk hu illi l-miżura nazzjonali għandha tissodisfa

[5] Art. 1 (2) L.S. 460.08
[6] **Art. 288 Trattat tal-UE:**
*Biex jeżerċitaw il-kompetenzi ta' l-Unjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jadottaw regolamenti, direttivi, deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet.*
*Regolament għandu jkollu applikazzjoni ġenerali. Ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.*
*Direttiva għandha torbot l-Istati Membri, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali.*
*Id-deċiżjoni għandha torbot fl-intier tagħha. Deċiżjoni li tispeċifika lil min hija indirizzata għandha torbot lil dawn biss.*
*Ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet ma jkunux vinkolanti.*

l-għanijiet stabbiliti mid-direttiva. Fit-terminu stabbilit fid-direttiva kull Stat Membru indirizzat għandu javża lill-Kummissjoni Ewropea bil-miżuri adottati fil-liġi nazzjonali.

32. Fil-prinċipju, direttiva tidħol fis-seħħ fl-Istat Membru ladarba tiġi trasposta u mhux qabel. Madanakollu, **il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ)** ikkunsidrat illi direttiva li ma hix trasposta tista' tipproduċi ċerti effetti b'mod dirett meta (i) it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali ma saritx fit-terminu stipulat jew saret ħażin; (ii) it-termini tad-direttiva huma mingħajr kundizzjonijiet u suffiċjentement ċari u preċiżi; u (iii) it-termini tad-direttiva jagħtu drittijiet lill-individwu. (ara s-sentenzi tal-QEĠ: **Van Duyn v. Home Office**[7] ; u **Pubblico Ministero v. Tullio Ratti**[8]).

33. Għal dak li hu rilevanti għal dan l-appell, it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2010/24/UE saret bis-saħħa tal-Avviż Legali nru. 153 tas-sena 2012 tant li kien ingħata effett retroattiv.[9]

34. Meta awtorità nazzjonali ta' Stat Membru tiġi mitluba l-assistenza minn awtorità applikanti ta' Stat Membru ieħor, tali talba tkun qed issir mill-Istat Membru l-ieħor fit-termini tal-għanijiet tad-Direttiva 2010/24/UE u bis-saħħa tal-istess Direttiva. Għalhekk, fir-relazzjoni bejn awtorità

[7] Każ nru. 41/74
[8] Każ nru. 148/78
[9] Avviż Legali ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta'Mejju, 2012 li ngħata effett b'seħħ retroattiv mill-1 ta' Jannar 2012.

applikanti fi Stat Membru u l-awtorità rikjesta fi Stat Membru ieħor, l-obbligi u l-jeddijiet rispettivi jemanu minn dik id-Direttiva Ewropea illi timponi fuq l-Istati Membri l-għanijiet tagħha filwaqt li tagħti sa ċertu punt gwida kif tali direttiva għandha tiġi implimentata fl-ordinament ġuridiku nazzjonali rispettiv. Fis-sentenza **Maksu- ja Tolliamet v. Heavyinstall OU** mogħtija mill-QEĠ fl-20 ta' Jannar 2021 intqal dwar il-fiduċja reċiproka fil-kuntest tad-Direttiva 2010/24/UE:

> "40. F'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni teleoloġika tad-Direttiva 2010/24, għandu jiġi kkonstatat li din tal-aħħar, filwaqt li taqa' taħt il-qasam tas-suq intern u mhux taħt dak tal-ispazju tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, hija msejsa fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka. Fil-fatt, l-implimentazzjoni tas-sistema ta' assistenza reċiproka stabbilita bid-Direttiva 2010/24 tiddependi fuq l-eżistenza ta' tali fiduċja bejn l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, **Donnellan**, C-34/17, EU:C:2018:282, punt 41)
>
> 41. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar ukoll li kemm il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri kif ukoll il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li huwa msejjes fuq l-ewwel wieħed minn dawn il-prinċipji, għandhom, fid-dritt tal-Unjoni, importanza fundamentali, sa fejn dawn jippermettu l-ħolqien u ż-żamma ta' spazju mingħajr fruntjieri interni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, Donnellan, C-34/17, EU:C:2018:282, punt 40)."

35. Ir-raġunijiet għaliex fuq livell Ewropew jiġu promulgati Direttivi, li ma għandhomx effett dirett fl-istat membri qabel ma jiġu implimentati, u mhux Regolamenti li għandhom effett dirett fl-Istati Membri, l-awturi **Craig u DeBurca** fix-xogħol tagħhom "**EU Law - Text. Cases and Materials**"[10] jagħtu din l-opinjoni:

> "Unlike in the case of regulations or decisions, national implementation of directives is specifically envisaged and considered

[10] Oxford University Press – 2nd Edit. paġna 186

necessary by the Treaty. The provisions of a directive may represent a compromise which is the result of prolonged negotiations between Member States on a complex matter - often a matter of harmonizing divergent bodies of law in different Member States – and in respect of which certain discretionary options may be left open to the states. Eventual implementation may not and need not be uniform in every Member State, although the actual aim of the directive must be properly secured in each."

36. Isegwi illi filwaqt li l-Awtorità Applikanti fi Stat Membru tibgħat ir-rikjesta tagħha lill-Awtorità Rikjesta fi Stat Membru ieħor bis-saħħa tad-Direttiva 2010/24/UE ; l-Awtorità Rikjesta taqdi d-doveri tagħha fil-ġurisdizzjoni nazzjonali bis-saħħa tal-liġi nazzjonali u ċjoè f'dan il-każ bis-saħħa tal-Liġi Sussidjarja 460.08.

Ikkunsidrat;

37. L-Ewwel Qorti waslet għall-akkoljiment tat-talbiet tal-Kummissarju wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

"Illi, kif indikat fir-rikors promotur u kif jirriżulta mid-dokumenti annessi ma' dak ir-rikors, l-awtorita kompetenti Daniża, l-awtorita applikant, talbet lassistenza ta'l-awtoriatjiet Maltin biex tiġi rkuprata taxxa fl-ammont ta' miljun, sitt mija, tnejn u għoxrin elf, ħames mija, erbgħa u tmenin u sitta u disgħin Krona Daniża (DKK 1,622,584.96) li huma ekwivalenti għal mitejn u sbattax-il-elf, tmien mija u wieħed u tmenin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€217,881.45), dovuta mill-intimat lill-awtorita applikanti Daniża.

Illi l-intimat da parti tiegħu qed joġġezzjona għar-reġistrazzjoni ta'listrumenti uniformi għal diversi raġunijiet.

Illi f'l-ewwel oġġezzjoni tiegħu l-intimat jgħid li r-rikorrent ghandu jġib prova li huwa għandu l-awtorita biex jagħmel din it-talba. Kif intqal aktar 'l fuq ir-rikorrent preżenta kopja ta' l-ordni mgħoti skond l-artikolu 4(1) ta'lAvviż Leġali 153 tas-sena 2012; din hija prova suffiċjenti ta'l-awtorita tiegħu.

Illi permezz ta'l-oġġezzjonijiet l-oħra, in suċċint:

• jgħid li it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li huwa qed jikkontesta l-imsemmija talbiet;

• jilmenta dwar in-nuqqas ta' notifika tad-dokumenti rilevanti relatati ma'limsemmija talbiet;

• jgħid li r-rikorrent kellu jġib prova tal-istrumenti li jippermettu l-infurzar fid-Danimarka u li dawn ġew notifikati lilu;

• jgħid li l-proċedura odjerna tilledi d-dritt tiegħu għal smigh xieraq peress li ma ngħatax spjega tat-taxxa dovuta u allura qiegħed f'l-impossibilita li jirregola l-pożizzjoni u-difiża tiegħu;

• jgħid li r-rikorrent qed jipprova jenforza diversi strumenti uniformi li huma separati u distinti minn xulxin u għalhekk kellhom isiru proċeduri separati għal kull strument;

• jgħid li uħud mill-istrumenti li tagħhom qed tintalab ir-riġistrazzjoni huma għal ammonti insinjifikanti, li t-talba hija preskritta u fi kwalunkwe każ għaddew aktar minn għaxar snin mid-data dovuta tat-talba fl-Istat Membru applikanti; u

• jgħid li t-teħid ta' azzjoni wara d-dekors ta' għaxar snin huwa bi ksur talKarta tad-Drittijiet Fundamentali ta'l-Unjoni Ewropea.

Illi pero d-determinazzjoni ta' dawn l-oġġezzjonijiet tmur 'l hemm mill-eżerċizzju li għandu jsir f'dawn il-proċeduri għaliex l-ebda waħda minnhom ma tirrigwarda l-informazzjoni inkluża f'l-istrumenti li tagħhom qed tintalab ir-reġistrazzjoni. Konsegwentement l-Qorti ma tistax toħodhom in konsiderazzjoni f'dawn il-proċeduri.

Illi għaldaqstant, sodisfatta li l-istrumenti uniformi annessi mar-rikors promotur fihom l-informazzjoni kollha rikjesta mid-Direttiva, il-Qorti hija sodisfatta ukoll li t-talba tal-Kummissarju għar-reġistrazzjoni ta' dawk listrumenti uniformi għandha tiġi milqugħa.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tqata u tiddeċidi billi tilqa' t-talba talKummissarju tat-Taxxi u tordna r-reġistrazzjoni tal-Istrumenti Uniformi Li Jippermettu l-Infurzar annessi mar-rkors promotur skont l-artikolu 9(6) u (7) ta'l-Avviż Legali 153 tas-sena 2012, sabiex tali dokumenti jitqiesu bħala titlu esekuttiv f'Malta10 ."

38. Kif inżamm minn din il-Qorti fis-sentenza **Kummissarju tat-Taxxi v. Enetsport Service Limited** mogħtija fit-18 ta' Jannar, 2024, ma

jirriżultax mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08, li parti għandha jedd li tappella mid-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar ir-reġistrazzjoni jew le tal-Istrument Uniformi li Jippermetti l-Infurzar taħt l-Artikolu 9(5) u (7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08. Kif ġia rajna aktar qabel skont Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2010/24/UE, l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru rikjest mgħandux ikun soġġett għal kwalunkwe att ta' rikonoxximent, ta' supplement jew ta' sostituzzjoni f'dak l-istat membru rikjest. Għalhekk tirribadixxi dak minnha pronunzjat fis-sentenza appena ċitata illi:

> "… fl-ambitu tal-ispirtu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2010/24/UE, li jeżiġi li strument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru rikjest mgħandux ikun soġġett għal kwalunkwe att ta' rikonoxximent, ta' supplement jew ta' sostituzzjoni f'dak l-istat membru rikjest u fid-dawl ukoll tal-fatt li fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08 m'hemmx provdut jedd ta' appell minn deċiżjoni ta' reġistrazzjoni ta' strument uniformi li jippermetti l-infurzar, din il-Qorti b'mod kunfidenti qiegħda tasal għall-fehma li f'dan il-każ Enetsport Service Limited tabilħaqq ma setgħetx tressaq dan l-appell."

39. Tikkonkludi għalhekk illi l-eċċezzjoni ta' irritwalità tal-appell sollevata mill-appellat Kummissarju tat-Taxxi għandha mis-sewwa u qed tiġi akkolta. Mhux eskluż li l-appellant jista' jkollu rimedji oħra kif jattakka l-provvediment *de quo* in vista tal-Artikolu 12(1)(e) u (3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08. Iżda mhux permezz ta' appell mill-provvediment li jordna r-reġistrazzjoni bħala titolu eżekuttiv f'Malta tal-*Istrument Uniformi li Jippermetti l-Infurzar*.

40. Għaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' l-preġudizzjali mqajma mill-Kummissarju tat-Taxxi li l-appell huwa irritwali u null.

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda tilqa' l-preġudizzjali mressqa mill-Kummissarju tat-Taxxi u tiddikjara bħala irritwali u null l-appell intavolat minn Martin Hans Ellis.

Bl-ispejjeż kontra l-appellant Martin Hans Ellis.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da